MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 986/1991/1

**Austin Xuereb, sew proprio kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' uliedu Jason u Rose Marie Xuereb,**
**u b'nota tas-27 ta' Ottubru, 2003 l-istess Jason Xuereb u Rose Marie Micallef xebba Xuereb assumew l-atti personalment stante li saru maggorenni.**

**vs**

**Silvio Muscat**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. L-atturi ntavolaw citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li tghid illi b'kuntratt pubblikat min-Nutar Dr. Francis Micallef fid-19 ta' Novembru 1985, kienu xtraw minghand Paolo Muscat zewg bicciet art faccata fuq Triq Giovanni Papaffi fil-kontrada ta' Paris tal-kejl 109 m.k. u l-ohra ta' cirka 156m.k. B'kuntratt iehor pubblikat min-Nutar Dr. Marco Farrugia fit-28 ta' Settembru 1987, Paolo Muscat, li deher bhala prokuratur f'isem l-appellanti, biegh l-istess fondi lil ibnu l-appellat Silvio Muscat bil-prezz ta' Lm1,700.

Illi l-bejgh lill-appellat kien sar b'qerq u b'abbuz tal-prokura li kellu Paolo Muscat u l-appellat (allura konvenut) kien jaf b'dan il-qerq u kien ha sehem fih, ghalhekk l-atturi ghamlu s-segwenti talbiet biex il-Prim' Awla tal-Qorti Civili:

(i) Tghid illi t-trasferiment favur l-appellat huwa vizzjat b'qerq ta' l-appellat kontra l-appellanti.

(ii) Tikkundanna lill-appellat jidher fuq att ta' rexissjoni ta' l-att ta' bejgh-u-xiri pubblikat min-Nutar Marco Farrugia fit-28 ta' Settembru 1987; u

(iii) Tahtar Nutar sabiex jippublika l-att relattiv.

L-appellanti talbu wkoll l-ispejjez tal-kawza.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. L-appellat eccepixxa hekk:

(i) Li c-citazzjoni saret hazin u ma tiswiex, ghax l-ewwel premessa ma tiftiehemx. (Madanakollu din l-eccezzjoni giet irtirata mill-istess appellat)

(ii) It-tieni eccezzjoni tghid illi l-azzjoni ta' l-appellanti waqghet bi preskrizzjoni taht l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili;

(iii) It-tielet eccezzjoni tghid illi t-talbiet ta’ l-appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u xhieda ta’ dan huwa l-fatt illi l-appellanti stennew sa ma miet Paolo Muscat biex fetah il-kawza; u

(iv) Ir-raba’ kienet dwar l-ispejjez tat-tieni u t-tielet talbiet; tghid li dawn it-talbiet saru ghalxejn minhabba f’dak li jghid l-Artikolu 4(1) ta’ l-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 50) u ghalhekk l-ispejjez ghandu jhallashom.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Frar 2000 cahdet it-tieni eccezzjoni ta’ l-appellat, filwaqt li ma akkoljietx it-talbiet ta’ l-appellanti (cioe` ta’ l-atturi).

**L-APPELL TA’ L-ATTURI**

4. L-atturi hassewhom aggravati mis-sentenza fuq imsemmija u interponew dan l-appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

Illi l-ewwel Qorti wara li semghet il-provi prodotti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u per konsegwenza giet sgwidata fis-sentenza taghha hawn fuq indikata.

Illi l-ewwel Qorti ghazlet illi temmen u tattribwixxi kredibilita` lill-verzjoni ta’ l-appellat u mhux dik ta’ l-appellanti;

Illi l-appellanti jaqblu perfettament mal-Qorti illi ai termini ta’ l-Artikolu 532 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll skond il-principju fundamentali tal-procedura civili *qui allegat* probat,[1] sta ghal min qed jallega xi eghmil doluz f’xi ftehim sabiex jipprovah u hadd aktar.[2]

Illi ghalhekk l-appellanti lesti li juru kemm kienet erroneja u sgwidata l-ewwel Qorti meta ghazlet sabiex temmen il-verzjoni tal-konvenut u iddikjarat illi l-eghmil doluz kien

---

[1] L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta
[2] L-Artikolu 981(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta

ezistenti fil-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1985 u mhux f'dak tat-28 ta' Settembru 1987.

Illi fil-fatt l-appellat Silvio Muscat sostna fix-xhieda tieghu illi l-appellant, Austin Xuereb, ghaliex l-appellanti l-ohra dak iz-zmien kienu minorenni u ghalhekk kien qed jidher missierhom Austin Xuereb ghan-nom taghhom fuq l-imsemmi kuntratt, kien biss prestanome u realment il-proprjeta` in kwistjoni kienet qed tigi mixtrija minn missier il-mara tieghu Paolo Muscat li ghamel dan kollu bl-ghajnuna ta' l-appellant Austin Xuereb halli dan Paolo Muscat ikun jista' jevita illi jaghti nofs din il-proprjeta` lil martu li dak iz-zmien kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha Paolo Muscat.

Illi ghalhekk fuq din il-verzjoni il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni fis-sentenza taghha illi l-appellanti kienu wkoll involuti fl-eghmil doluz li qed isir fil-kuntratt datat 19 ta' Novembru 1985 u mhux f'dak tat-28 ta' Settembru 1987, u mbaghad applikat il-principju legali *pari causa turpitudinis* u per konsegwenza ma laqghetx it-talbiet ta' l-appellanti.

Illi madanakollu, l-appellanti jhossu illi l-ewwel Qorti giet sgwidata u ghalhekk waslet biex temmen it-tezi ta' l-appellat u mhux taghhom.  L-appellanti qed isostnu illi l-prokura thalliet fuq isem Paolo Muscat meta sar il-kuntratt bejn Paolo Muscat u Angelo Mifsud, sabiex lilu jhalluh ihossu li huwa importanti u li ghandu jedd fuq xi haga u ghall-ebda raguni ohra.

Illi meta sar il-kuntratt tad-19 ta' Settembru 1985 l-appelllant Austin Xuereb qatt ma kellu f'mohhu jew kien miftiehem ma' dan Paolo Muscat li jigi missieru tar-rispett sabiex ismu jintuza bhala prestanome u halli mart Paolo Muscat li fl-ahhar mill-ahhar tigi l-omm tar-rispett ta' dan Austin Xuereb ma tiehu xejn minn din il-proprjeta` fil-proceduri ta' separazzjoni li kienu ghaddejjin dak iz-zmien.

Illi l-appellant Austin Xuereb jixtieq jirrileva illi huwa minn dejjem kellu relazzjoni tajba hafna ma' ommu tar-rispett u qatt ma kellu problemi maghha u fil-fatt kien jirrispettaha hafna.

Illi ghalhekk il-kuntratt ta’ bejgh-u-xiri datat 19 ta’ Settembru 1985 kien wiehed regolari fejn Paolo Muscat inghata prokura li tawtorizzah ibiegh din il-proprjeta` partikolari kif del resto kellu qabel ma din il-proprjeta` giet trasferita lill-appellanti. Dana sar biss sabiex dan Paolo Muscat li kien ghaddej minn zmien ikrah hafna fejn kellu inkwiet matrimonjali, u kif ukoll fl-eta` anzjana tieghu beda jhossu imwarrab minn kulhadd, ma jhossux abbandunat ukoll minn ibnu tar-rispett, jigifieri l-appellant Austin Xuereb.

Illi ghalhekk kuntrarju ghal dak li qalet l-ewwel Qorti l-kuntratt tad-19 ta’ Settembru 1985 kien hieles minn kull vizzju fil-kunsens tal-partijiet u minn kull eghmil doluz.

Illi ghalkemm l-ewwel Qorti sostniet is-segwenti:
“*Aktar relevanti, fil-fehma tal-Qorti, huwa l-fatt li l-attur hatar lil Paolo Muscat prokuratur tieghu dak in-nhar stess li xtara l-art; mhux biss hatru prokuratur, izda tah biss is-setgha specifika li jkun jista’ jbiegh l-art mixtrija dak in-nhar.*”

Illi l-appellanti jirrilevaw illi l-kontestwalita` ta’ kif graw iz-zewg affarijiet, jigifieri l-ewwel haga l-kuntratt ta’ trasferiment ta’ proprjeta` u t-tieni haga li dan Paolo Muscat inhatar prokuratur ma tfisser xejn ghajr pura kumbinazzjoni ta’ kif graw is-sekwenza tal-fatti u ma jistghu bl-ebda mod jigu interpretati li kien hemm xi skop ulterjuri da parti ta’ l-appellanti.

Illi l-appellanti ma jaqblux ma’ l-ewwel Qorti illi l-verzjoni u l-argument taghhom jista' jintuza kontra taghhom stess u dana ghar-raguni illi huma iggustifikaw bl-aktar mod car u univoku ghalfejn hatru lil dan Paolo Muscat bhala prokuratur. Dan l-agir kien purament sabiex ihallu lil dan Paolo Muscat fl-*status quo ante.*

Illi jirrizulta mill-provi u bl-ebda mod ma hu ikkontestat illi dan Paolo Muscat kien gia` mahtur prokuratur minn huh Angelo Muscat u kienet ghal din ir-raguni illi l-istess esponenti iddecidew illi jaghmlu l-istess u jahtruh

prokuratur wara li xtraw l-imsemmija proprjeta` u dana tenendo kont ukoll il-qaghda dipressiva, trawmatika u paranojka li kien ghaddej minnha dan Paolo Muscat.

Illi l-ewwel Qorti tibbaza l-argumenti taghha wkoll fuq is-segwenti:

"*Hija kumbinazzjoni li din is-setgha ra kif ghamel biex tinghatalu minghand l-attur dak in-nhar stess li l-attur xtara, jew deher li qed jixtri l-art?*

*Barra minn hekk, Paolo Muscat mhux biss zamm is-setgha li jbiegh il-post, izda wkoll kien jinqeda bil-fond. ... ...*"

Illi l-appellanti jirrilevaw illi s-sitwazzjoni kienet ferm differenti minn kif interpretata l-ewwel Qorti. Kien l-istess Austin Xuereb f'ismu u ghan-nom taz-zewg uliedu illi iddecieda *motu proprio* illi jahtar lil dan Paolo Muscat prokuratur u dana purament u unikament ghar-raguni illi jhalli lil Paolo Muscat fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel ma sar il-kuntratt ta' bejgh-u-xiri tad-19 ta' Settembru 1985. In oltre, il-fatt illi Paolo Muscat kien jaghmel uzu mill-imsemmi fond ma' tirrifletti xejn u l-ebda eghmil doluz da parti ta' l-appellanti jew ta' Paolo Muscat.

Illi finalment jekk wiehed imbaghad ihares lejn il-kuntratt tat-28 ta' Settembru 1987, wiehed isib illi apparti r-ragunijiet u l-fatti gia` ampjament spjegati u minghajr pregudizzju ghalihom, anke l-prezz imhallas mill-appellat sabiex tigi trasferita lilu l-imsemmija proprjeta`, jigifieri l-ammont ta' tjoni minn Paolo Muscat lil ibnu Silvio Muscat wiehed isib illi l-ammont ta' elf u seba' mitt lira (Lm1,700) huwa ammont zghir hafna nonostante illi dan il-kuntratt sar tlettax-il sena ilu.

Illi l-prezz juri eghmil doluz da parti ta' l-appellat li fil-fatt gieghel lil missieru Paolo Muscat jaghmel uzu mill-prokura moghtija lilu u jittrasferilu l-imsemmija proprjeta` minghajr liema maniggi u ingann Paolo Muscat qatt ma kien jaghmel dan meta kien jaf ir-raguni ghalfejn inghatatlu l-imsemmija prokura mill-appellant Austin Xuereb.

Illi in oltre l-proprjeta` in kwistjoni meta wiehed iqis x’kien il-valur tal-proprjeta` ghall-ahhar tas-sena 1987 wiehed isib illi l-imsemmija proprjeta` kienet mill-anqas tiswa tlett elef u seba’ mitt lira Maltin (Lm3,700).

Illi ghalhekk l-appellanti jirrilevaw illi ghar-ragunijiet suesposti kien fil-fatt il-kuntratt tat-28 ta’ Settembru 1987 illi sar dolozament u dana da parti ta’ l-appellat Silvio Muscat li permezz ta’ l-ingann tieghu gieghel lil missieru jitrasferixxi tali proprjeta` liema proprjeta` qatt ma kien jittrasferixxi jekk mhux ghall-ingann ta’ l-appellat.[3]

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma u timmodifika is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 25 ta’ Frar 2000 billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti taghha fejn cahdet it-tieni eccezzjoni ta’ l-appellat, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza fejn ma akkoljietx it-talbiet ta’ l-appellanti u tilqa’ l-istess.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT GHAR-RIKORS TA’ L-APPELL TA’ L-ATTURI</u>**

5. Il-konvenut appellat wiegeb hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata ghar-ragunijiet segwenti:

(i) L-aggravju ta’ l-appellanti hu limitat ghall-allegazzjoni ta’ apprezzament hazin tal-fatti u li l-ewwel Qorti ghazlet bhala aktar kredibbli u verosimili l-verzjoni moghtija mill-konvenut. Dan, pero`, diga` gie trattat “in extenso” fil-Prim Istanza; saru n-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi u saret it-trattazzjoni orali tal-kawza.

(ii) Apparti l-fatt li fl-appell ma gie sollevat l-ebda aggravju gdid, illum gie kostantament u konsistentament ritenut li dina l-Qorti, li hi Qorti ta’ Revizjoni, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni adoperata mill-ewwel Qorti partikolarment f’dak li hu apprezzament tal-provi meta l-

[3] L-Artikolu 981(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta

ewwel Qorti ghandha l-vantagg li l-provi tismaghhom hi stess. Hu verament rilevanti f'dan il-kuntest li l-Qorti staqsiet hi stess lill-attur x'kienet ir-raguni (tant stramba u eccezzjonali) li Paolo Muscat kellu l-prokura specifika li tawtorizzah jittasferixxi l-arti li "nxtrat" mill-attur fl-istess gurnata tal-kuntratt; u r-risposta ta' l-attur "biex ma jhossux abbandunat" tant hi fjakka u insufficjenti li ma thalli assolutament l-ebda dubju x'kienet il-verita` u cioe` l-verzjoni tal-konvenut.

(iii) Ghall-korrettezza, l-esponent jirrileva li s-sottomissjonijiet tieghu fin-nota ta' osservazzjonijiet dwar l-"*Actio Pauliana*" gew fraintizi mill-ewwel Qorti. Il-paragrafu ta' nota riprodott fis-sentenza in fatti, jibda hekk:

"<u>Jekk</u> l-attur ipproceda b'*actio pauliana*", l-esponent ma riedx ifisser fin-nota li l-attur ipproceda b'*actio pauliana* izda jekk dak kien il-kaz deherlu li kienu rilevanti dawk il-konsiderazzjonijiet.

(iv) Ghaldaqstant, l-aggravji ta' l-appellanti m'humiex, ghalhekk, gustifikati, ghandhom jigu michuda minn dina l-Qorti u s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, deciza fil-25 ta' Frar 2000 timmerita li tigi konfermata 'in toto' minn dina l-Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

6. Essenzjalment l-appell ta' l-atturi huwa relatat mas-sottomissjoni li mill-provi prodotti, l-ewwel Qorti messha waslet ghal decizjoni kuntrarja minn dik moghtija. L-appellanti jaqblu li z-zewg nahat jaghtu verzjoni differenti u kontrastanti dwar il-fatti; pero` jidhrilhom li kellha tipprevali u tigi emmnuta l-verzjoni attrici. L-appell ta' l-atturi sar kwindi biex huma "juru kemm kienet erroneja u sgwidata l-ewwel Qorti meta ghazlet sabiex temmen il-verzjoni tal-konvenut u ddikjarat illi l-eghmil doluz kien ezistenti fil-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1985 u mhux dak tat-28 ta' Settembru 1987."

Evidentement, in proprja risposta, il-kontroparti konvenuta ma tikkondividi xejn minn dan kollu.

7. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li zewg bicciet ta’ art, b’faccata ghal fuq Triq Giovanni Papaffi, fil-kontrada ta’ Paris, limiti ta’ Birkirkara, kienu suggett ta’ zewg trasferimenti. Fid-19 ta’ Settembru 1985 l-attur appellant Austin Xuereb akkwistahom minghand Angelo Muscat ghall-prezz ta’ Lm1,700 b’kuntratt ippubblikat min-nutar Dottor Francis Micallef. Billi l-venditur kien assenti fuq il-kuntratt deher ghalih, bi prokura, huh Paolo Muscat, illum mejjet, li kien missier il-konvenut kif ukoll missier il-mara ta’ l-attur Austin Xuereb. Dakinhar stess li sar dan il-kuntratt ta’ bejgh, il-kompratur Austin Xuereb istitwixxa lill-imsemmi Paolo Muscat bhala prokuratur tieghu. Madwar sentejn wara, fit-28 ta’ Settembru 1987, l-imsemmi Paolo Muscat, bis-sahha tal-prokura surreferita, ittrasferixxa b’bejgh maghmul f’isem l-attur Xuereb l-istess zewg bicciet art lill-ibnu konvenut Silvio Muscat, b’kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Marco Farrugia bl-istess prezz ta’ Lm1,700. L-azzjoni attrici hija intiza biex jigi impunjat u rexiss it-tieni kuntratt fuq bazi ta’ qerq.

8. Kif gia` inghad, l-ewwel Qorti, wara li semghet u gharblet il-provi prodotti, kienet tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-atturi ma kenitx affidabbli u verosimili u spiccat biex cahdet it-talbiet attrici.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi hawn ta’ evalwazzjoni ta’ provi, hija prassi stabbilita ta’ dawn il-Qrati li ma jiddisturbaw qatt leggerment id-diskrezzjoni u l-evalwazzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar il-provi jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi li juru xort ohra.

9. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid u bir-reqqa l-provi kollha prodotti u hija tal-ferma konvinzjoni li ma hemm assolutament l-ebda raguni jew lok l-ghala s-sentenza appellata ghandha tigi varjata. L-attur Austin Xuereb ma joffri qatt raguni konvincenti biex jispjega l-ghala dakinhar stess li hu akkwista l-artijiet *de quo* hatar lil Paolo Muscat prokuratur specjali tieghu, jigifieri bis-setgha biss li dan ikun jista’ jbiegh proprjeta` li l-mandant Austin Xuereb kien xtara proprju dakinhar – kif fil-fatt ghamel Paolo Muscat sentejn wara. Ir-raguni fjakka moghtija mill-appellant

Austin Xuereb biex jiggustifika l-ghoti ta' din il-prokura lil Paolo Muscat kienet,
"illi l-familja tieghu kienet kollha abbandunatu (i.e. lil Paolo Muscat) u kont indur bih jiena u marti, li tigi bintu. Il-prokura kont ghamilthielu sabiex ma nkunx abbandunajtu wara li hadt l-art minghandu"(ara xiehda ta' Austin Xuereb moghtija fl-20 ta' Gunju 1995, a fol. 61 *et seq*. tal-process).

Kif gie rilevat mill-Qorti ta' l-ewwel grad, dana l-operat sar fi sfond fejn kienu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni bejn l-imsemmi Paolo Muscat u martu, liema proceduri gew inizjati minn mart Paolo Muscat. Il-verzjoni ta' Silvio Muscat, invece, hija li dak li sar bejn Paolo Muscat u Austin Xuereb kien kollu finta u sar biss biex dawn l-artijiet, li kienu gia` fil-pussess ta' Paolo Muscat, ma jidhlux fl-assi tal-komunjoni stante l-proceduri ta' separazzjoni li kienu "*in corso*". Sar ghalhekk trasferiment simulat favur Austin Xuereb b'dana li bl-istratagemma tal-prokura gie li Paolo Muscat seta' xorta wahda jiddisponi kif ried mill-artijiet _de_ _quo_, u li suppost gew ghand l-attur Austin Xuereb.

10. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-prova li l-konvenut appellat kien qieghed iqarraq meta hu xtara l-proprjeta` minghand Paolo Muscat kienet tispetta lill-atturi ghar-raguni li din l-allegazzjoni kienet gejja minnhom. Minkejja l-argumenti kollha li gew imressqa mill-parti appellanti, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, xorta wahda ma tinsabx konvinta li l-atturi rnexxielhom jippruvaw dan l-allegat qerq da parti tal-konvenut. Kif gie gustament ritenut mill-ewwel Qorti;
"Ma hux kontestat li l-konvenut kien jaf li l-attur kien jidher li kien is-sid ta' l-art – haga li tidher mill-kuntratt stess – u l-konvenut ma hux qed jghid li kiseb il-kunsens ta' l-attur qabel ma ghamel il-kuntratt. Ma hassx il-htiega li jikseb dan il-kunsens kemm ghax min kien ser jidher ghall-attur kellu prokura li kienet tiswa, u wkoll, u izjed, ghax il-konvenut qed jghid li hu kien jaf li l-attur kien biss *_prestanome_*, u ma kienx tassew is-sid ta' l-art".

Din il-Qorti tikkondividi pjenament din il-fehma. Li jirrizultalha probabbli, minkejja li l-appellanti ghadhom isostnu mod iehor, hu li Paolo Muscat xtaq jixtri l-artijiet ghalih minghand huh pero` fl-istess waqt ma riedx li dawn l-artijiet jitqiesu bhala formanti parti mill-assi tal-komunjoni, in vista tal-proceduri gudizzjarji mibdijin minn martu. Il-verzjoni ta’ l-atturi invece, kif gia` gie accennat <u>*supra*</u>, hija li dan l-operat kollu sar sabiex Paolo Muscat “ihossu li hu importanti u li ghandu jedd fuq xi haga u ghall-ebda raguni ohra.” Frankament din il-Qorti ma hijiex konvinta b’tali sottomissjoni u ma ssibha xejn plawsibbli. Minbarra dan, l-appellanti jissottomettu wkoll li ghalihom il-fatt li fl-istess jum li sar l-ewwel trasferiment minn Paolo Muscat a favur Austin Xuereb, dan hatru prokuratur specjali tieghu, riferibbilment ghall-istess proprjeta`, haga bhal din “ma tfisser xejn ghajr pura kumbinazzjoni”. Anki l-interpretazzjoni ta’ dan il-fatt kif espressa mill-appellanti tidher wahda inverosimili. Mill-bqija, ma hemm xejn li jista’ jinduci lill-Qorti biex tahsibha u tiddeciedi differentement minn kif deciz mill-ewwel Qorti. Il-prokura moghtija minn Austin Xuereb, attur, lil Paolo Muscat kienet wahda valida u ma kien hemm xejn milli jzomm lill-konvenut appellat milli jikkuntratta validament ma’ missieru. Certament m’huwiex il-kaz hawn fejn hemm lok li tigi mwarrba jew michuda l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellat konvenut, u emmnuta mill-ewwel Qorti, biex tigi, invece, abbraccjata l-verzjoni moghtija mill-atturi, li m’hija verosimili jew attendibbli xejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta’ l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------